MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 191/2012

**Vella Brothers and Sons**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Vella Brothers and Sons tat-28 ta' Novembru 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2012 li kkonferma enforcement notice ECF 461/08 dwar ksur ta' kontroll ta zvilupp konsistenti fi 'ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn estensjoni fl-gholi tal-hajt tat-triq u dan peress li nbena hast/tpogga gebel fuq dak ezistenti kif ukoll depozitu ta' materjal inert go parti mill-barriera bla permess';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:
Ikkunsidra:

B’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq tat-8 ta’ Awwissu 2008 ECF 461/08, l-appellanti f’sit fil-Qasam il-Kbir limiti tal-Qrendi gew formalment avvzati li kellhom ksur ta’ kontroll ta’ ippjanar li gie hekk deskritt:

“Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn estensjoni fil-gholi tal-hajt tat-triq u dan peress li nbena hajt/tpogga gebel fuq dak ezistenti kif ukoll depozitu ta’ materjal inert go parti mill-barriera u dan kollu minghajr permess.”

Fl-istess Avviz l-appellanti gew ordnati biex jieqaf immedjatament kull zvilupp fuq is-sit, u li fi zmien 16-il gurnata tigi pprezentata applikazzjoni dwar ix-xogholijiet li jinhtieg li jsiru.

Fl-appell tieghu l-Avukat Paul Farrugia ghall-appellanti issottometta:

1. li l-hajt nbena snin twal qabel, ghalhekk l-appellant ma wettqu l-ebda zvilupp gdid.
2. L-konfigurazzjoni tal-hajt, mhix kontra l-ligi
3. L-istess hajt kien jifforma l-mertu ta’ Avviz li hareg fl-10 ta’ Settembru 1993, u gie rtirat, u ghalhekk ma jistax johrog avviz simili.
4. Dwar id-depozitu tal-materjal inert jinhtieg li jsir l-prova li dan sar ricentement.

Fir-risposta tieghu l-Avukat Dottor Anthony DeGaetano ghall-Awtorita’ irileva li:

1. L-Avviz tal-10 ta’ Settembru 1993 kien gie rtirat mill-Awtorita’ biex tirregola ruhha ahjar.

2. L-Avviz hareg minhabba l-bini ta' hitan illegali u depozitu ta' materjal bla permess.
3. L-hitan ghalkemm inbnew snin ilu, nbnew meta l-appellanti kienu qed joperaw l-barriera.
4. L-enforcement officers jistghu jikkonfermaw li d-depozitu tal-materjal sar ricentement, kif jista' jigi kkonfermat mill-aerial photos.

Il-materjal fuq is-sit hu responsabilita tas-sidien.

Fl-okkazzjoni tal-access, l-enforcement officer Reuben Gauci, spjega li l-mertu tal-Enforcment kien il-hajt li jikkonfina l-art minn mat-triq u ddikjara li meta saret it-triq, l-Gvern bena zewg filati u ghattihom bil-konkos, pero' l-erba' filati gebel tal-franka li hemm fuqhom bnewhom terzi, u mhux il-Gvern, u l-enforcement jirreferi ghal dan il-boundary wall.

It-Tribunal gie muri id-dumping li qed isir fuq is-sit illi jinsab xi tlettin metru 'l gewwa mill-entrata li taghti ghat-triq.

Il-Perit Anthony Fenech Vella ddikajra li kellu pre-discussion meetings fuq applikazzjonijiet fuq dan is-sit in kwsitjoni u gie mitlub li jekk ghadu xi dokumenti dwar dan, jipprezenthom.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, l-konsulent legali tal-appellanti ddikjara li kien ser jipprezenta affidavit b'xi dokumenti. Dan baqa' ma giex ipprezentat.

Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, l-appellanti nghataw l-fakulta li jipprezentaw nota b'dokumenti fosthom licenzja tal-Pulizija. Dawn l-anqas ma gew ipprezentati.

Ikkunsidra ulterjorment:

Appelli minn Avvizi simili huma regolati b'dak li jiddisponi l-Artikolu 86(12) tal-Att X ta' 2010 Kap 504, precedentement bl-Artikolu 51 et seq. tal-Kap. 356.

Skond dan l-artikolu l-appell jigi milqugh kemm il-darba jirrizulta li l-izvilupp kontestat fl-Avviz ikun kopert bil-permess, jew li ma jirrikjedix permess; jew li hemm permess u ma saret l-beda kontravenzjoni ta' xi kondizzjoni imposta fil-permess.

Skond is-subincis (b) tal-istess Artikolu, "f'kull kaz iehor l-appell jigi michud".

Fil-kaz in ezami, kif gie kkonfermat fl-okkazzjoni tal-access l-hajt li jikkonfina l-barriera minn mat-triq, li originarjament kien ta' zewg filati, zdied b'erba' filati gebel tal-franka; u gie notat li gie depozitat materjal inert xi tlettin metru 'l gewwa mill-entrata li tghati ghat-triq. Dan hu wkoll konfermat mir-ritratti li jinsabu fil-process.

Ghalkemm il-perit tal-appellant ddikjara li kienu ser jippreserva applikazzjoni, tant hu hekk li kellu 'pre discussion meetings', ma irrizultax li gietipprezentata tali applikazzjoni.

Billi l-izvilupp indikat fl-Avviz jirrikjedi permess; u billi irrizulta li permess ma hemmx billi l-anqas giet ipprezentata applikazzjoni f'dan is-sens, skond l-Artikolu tal-ligi hawn fuq citat, l-appell ma jistax jigi milqugh.

It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-Appell, billi jichad l-istess, u jikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq tat-8 ta' Awwissu 2008, ECF 461/08.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. It-Tribunal naqas li jistabilixxi taht liema regolamenti jew ligijiet kien hemm l-allegat ksur u dan peress li ma trattax l-aggravji fuq dawn il-punti maghmula mill-appellanti fl-appell quddiem it-Tribunal;
2. It-Tribunal ma qies ir-regolamenti applikabbli billi ma stabbiliex qabel xejn meta sehhew l-allegati vjolazzjonijiet u ghalhekk ma setghax jirreferi ghal ebda regolament jew ligi applikabbli b'certezza;

3. It-Tribunal kien inkorrett li jikkunsidra li l-appellanti kienu ser jintavolaw applikazzjoni ta' sanzjonar ghad-depozitu ta' inert waste.

**L-ewwel u t-tieni aggravji**

Dawn l-aggravji ta' natura legali jisthoqqilhom jigu kunsidrati. Jinghad qabel xejn mill-Qorti illi z-zewg partijiet fil-proceduri quddiem it-Tribunal kienu leggeri ghal ahhar bil-mod kif ikkonducew it-tezi rispettivi taghhom. Dan jinghad kemm ghall-Awtorita mix-xhud minnha mtella' dwar il-prova tal-fatti u aktar ghall-appellanti li kien biss quddiem din il-Qorti illi esebew u esprimew b'certu serjeta s-sustanza wara l-aggravji mressqa fl-appell quddiem it-Tribunal. Fic-cirkostanzi fejn parti wahda biss tkun naqset mid-dover taghha din il-Qorti kienet tiehu linja stretta dwar liema provi anki dokumentarji ghandhom jew jistghu jigu prezentati quddiem il-Qorti tal-Appell pero billi si tratta dwar kwistjoni fejn gustizzja trid issir skond il-ligi applikabbli ghal kaz, tqis illi dan il-kaz hu wiehed fejn il-formalita proceduralі dwar kif u meta jingiebu l-provi ghandu jigi subordinat ghal dak li hu effettivament is-sustanza li jiddefinixxi l-akkoljiment jew ic-cahda tal-procedura mehuda mill-Awtorita bl-enforcement notice.

F'dan il-kaz l-Awtorita harget enforcement notice ghaliex qed jigi allegat li l-appellanti qua sidien ta' barriera bnew hajt jew tpoggew gebel fuq dak ezistenti u gie depozitat materjal inert fil-barriera, kollox bla permess.

L-appellanti quddiem it-Tribunal ssottomettew fl-ewwel tlett aggravji li l-hajt kien ilu snin imtella' u ma kienx jehtieg permess u ebda regolament ma gie ccitat li jikkostitwixxi l-vjolazzjoni. In oltre l-hajt kien gie soggett ghal enforcemnt notice fl-1993 u gie rtirat mill-Awtorita. In kwantu ghal materjal inert, gie sottomess li l-prova li l-materjal gie depozitat ricentement irid jigi ppruvat mill-Awtorita, kif irid jigi ppruvat li gie depozitat mis-sid u li d-depozitu jehtieg permess.

L-Awtorita rrispondiet li l-enforcement notice irtirata inharget rigward boundary wall mentri dan prezenti hareg

dwar hitan mibnija illegalment. Jikkoncedi li l-hitan ilhom snin twal izda saru illegalment u meta kien jehtieg permess. Dwar id-depozitu ta' inert material jinghad li l-enforcement officers qabdu l-istess depozitu isir fi zmien ricenti kif jikkonfermaw aerial photos. Billi l-izvilupp jirrikjedi permess, is-sid hu responsabbli ghal illegalita. Ix-xiehda tal-enforcement officer Reuben Gauci qal li l-hajt illegali kien dak li jikkonfina mat-triq u meta saret it-triq il-Gvern bena zewg filati u ghattihom bil-konkos mentri terzi bnew erba' filati tal-franka fuqhom.

Rigward il-hajt in kwistjoni l-Qorti tqis li hu car li l-prova huma fis-sens li dan hu boundary wall u ex admissis mill-Awtorita inbena snin ilu. Ix-xhieda tal-enforcement officer Reuben Gauci hi fis-sens li meta saret it-triq donnu sar hajt ta' zewg filati, pero ma hemmx prova li dan kien hajt sostitut ghal dak ezistenti qabel u kemm kien gholi dan il-hajt, prova li pero tinkombi lil appellanti. Lanqas ma rrizulta meta saret it-triq in kwistjoni. Dan kollu jinghad ghaliex l-appellanti ghogobhom jesebixxu l-permess tal-pulizija waqt dan l-appell, u fih hemm kundizzjonijiet fosthom dwar l-gholi minimu tal-hajt. Jikkontendu li ebda regolamenti ma kienu jezistu fil-perjodu izda l-kundizzjonijiet tal-permess tal-pulizija kien jirregola l-gholi tal-hitan limitrofi. Saret referenza mill-appellant ghar-regolamenti li hargu fl-1995 cioe wara l-ghoti tal-licenzja, fejn saru kondizzjonijiet godda dwar gholi ta' boundary walls, li skond l-appellant ma kienux applikabbli ghax dawn hargu wara l-permess tal-pulizija li kien jirregola l-hitan tal-barriera in kwistjoni. Dan kollu jpoggi fil-perspettiva kompletament differenti dwar dak li kellu jistabilixxi bhala fatti t-Tribunal u l-ligi jew regolament applikabbli skond kif jikkunsidra bhala l-fatturi determinanti tal-vertenza fuq il-hajt.

Din il-Qorti pero m hix qed titfa' t-tort fuq it-Tribunal izda principalment fuq il-partijiet l-aktar l-appellanti li ma ndirizzax il-lanzjanzi kif imissu.

B'danakollu t-Tribunal kellu d-dover li minn rajh jindirizza l-kwistjoni ta' fatt dwar il-bini tal-hajt u l-elementi legali li japplikaw u mhux jissoferma ruhu biss b'mod astratt fuq l-

artikolu 86(12) tal-Kap. 504 b’mod distakkat mill-mertu nnifsu. Hu minnu illi t-Tribunal irreleva n-nuqqas ta’ serjeta tal-appellanti li jressqu l-provi u l-argumentazzjoni taghhom pero t-Tribunal naqas li jhares lil hinn u jara l-fatti ammessi jew ippruvati mill-partijiet, setghux iwassluh ghal konkluzjoni jew ohra. Mhux bizzejjed li jirrepeti x-xiehda tal-enforcement officer fuq il-hajt billi din wahedha ma kinitx twasslu ghal konkluzjoni minnu raggunta.

Bl-istess kriterju, ghalkemm jidher li gie stabbilit li hemm ‘dumping’ fuq is-sit fi kliem l-istess Tribunal li iktar il-quddiem fid-decizjoni gie indikat bhala materjal inert cioe materjal mhux dekomponibbli fuq is-sit kif ikkonstata l-istess Tribunal meta acceda fuq is-sit, b’dana kollu t-Tribunal naqas li jistabilixxi hu mill-provi jekk dan l-inert waste kienx ricenti jew le. Waqt l-appell l-istess permess tal-pulizija esebit mill-appellant ma jindikax ebda projbizzjoni ta’ depozitu ta’ inert waste u l-kontenzjoni tal-apellant li dan in ogni kaz mhux inert waste ricenti. In oltre il-Quarry Working Standard Conditions applikabbli mill-1 ta’ Jannar 1995 kien jippermetti depozitu ta’ inert waste li jorigina mill-istess barriera.

Din il-Qorti tqis illi b’dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha hu gustifikat l-appell tal-appellanti illi t-Tribunal ma kunsidrax sew il-fatti u konsegwentement il-ligi applikabbli. Ovvjament din il-Qorti mhix tghid illi l-appellant ipprova xi allegazzjoni bhala fatt accertat izda kien il-kompitu tat-Tribunal li jara x’fatti kellhom u gew pruvati mill-partijiet kemm bhala prova tal-vjolazzjoni jew il-prova tan-nuqqas tal-vjolazzjoni, u x’fatti kienu relevanti biex minnhom jigu applikati l-ligijiet jew regolamenti relevanti. In-nuqqas tal-appellant li jipprovdi l-licenzja u provi fattwali biex jiddefendi ruhu zgur pero ma ghenux kif ma ghenux in-nuqqas tal-Awtorita li jistabilixxi l-fatti b’certezza u precizjoni.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-aggravji f’dawn ic-cirkostanzi partikolari ghandhom jigu milqugha fis-sens biss illi t-Tribunal ghandhu jerga’ jiftah dan l-appell mill-gdid u jiddeciedi a bazi tal-fatti li l-partijiet jistghu iressqu.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju ma ghandux jigi milqugh billi t-Tribunal kull ma ghamel hu li kkwota dak li kien tnizzel f'verbal tat-Tribunal li del resto ma kienx il-fattur determinanti tad-decizjoni.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Vella Brothers and Sons in linea ma' dak deciz, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2012, u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jiddeciedi l-appell mill-gdid bid-dritt li l-partijiet iressqu provi ulterjuri tenut kont tad-dokument pprezentati mill-appellant fil-kors ta' dan l-appell. Spejjez f'dan il-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------